

Kumitat Ekonomiku
u Soċjali Ewropew

YOUTH AT THE EESC

# Nagħmlu l-proposti tas-soċjetà ċivili validi għaż-żgħażagħ!

## It-Test taż-Żgħażagħ tal-KESE

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew huwa leħen is-soċjetà ċivili fl-Ewropa. Il-membri tagħna jirrappreżentaw lill-ħaddiema, lil min iħaddem u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Aħna niżviluppaw rakkomandazzjonijiet ta' politika għal istituzzjonijiet oħra tal-UE, imsejħa **Opinjonijiet**, dwar firxa ta' suġġetti li jvarjaw mill-politika soċjali għat-tranżizzjoni ekoloġika u l-futur tal-intelliġenza artifiċjali.

Bis-saħħa tat-Test taż-Żgħażagħ tal-KESE, iż-żgħażagħ issa jistgħu jsemmgħu leħinhom!

It-Test taż-Żgħażagħ huwa għodda mfassla biex issaħħaħ il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ u l-integrazzjoni taż-żgħażagħ fit-tfassil tal-politika.

Fil-KESE, dan ifisser li r-rappreżentanti taż-żgħażagħ jistgħu jipparteċipaw fit-tħejjija tar-rakkomandazzjonijiet ta' politika tal-KESE:

- Jieħdu sehem f'laqgħat u seduti
- Jikkontribwixxu bil-miktub
- Isegwu l-adozzjoni tal-Opinjoni

## Dan kif jaħdem?

**INVOLVU RUĦKOM!**
Esprimu l-interess tagħkom billi tapplikaw permezz tas-sejħa miftuħa fuq is-sit web tal-KESE
Indikaw il-qasam tal-għarfien espert tagħkom

**ŻOMMU RUĦKOM INFORMATI DWAR DAK LI JKUN ĠEJ!**
Agħtu daqqa t'għajn lejn l-Opinjonijiet li jmiss tal-KESE u indikaw liema tixtiequ taħdmu fuqhom

**MIDDU JDEJKOM GĦAX-XOGĦOL!**
Ikkuntattjaw lill-membri tal-KESE u aħdmu magħhom fuq proposti ta' politika

**AGĦŻLU R-RAPPREŻENTANT TAGĦKOM!**
Aħtru rappreżentant wieħed minn fost l-organizzazzjonijiet interessati kollha għal kull Opinjoni

**AGĦMLUH PUBBLIKU!**
L-Opinjonijiet kollha ppreżentati lit-Test taż-Żgħażagħ jinsabu ppubblikati fuq is-sit web tal-KESE

YOUTH PROOF

**X'INHU L-PASS LI JMISS?**
L-Opinjoni ttestjata miż-żgħażagħ hija approvata mill-KESE u se titqassam fost l-istituzzjonijiet tal-UE u s-soċjetà ċivili

Żuru l-paġna web tagħna:
"Youth Participation at the EESC"
(il-Parteċipazzjoni taż-Żgħażagħ fil-KESE)

Jekk intom interessati, ikkuntattjaw lit-tim tagħna fuq:
youtheesc@eesc.europa.eu

www.eesc.europa.eu

European Economic and Social Committee • Rue Belliard/Belliardstraat 99 • 1040 Bruxelles/Brussel • BELGIQUE/BELGIË // © L-Unjoni Ewropea, 2025
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali. Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta' ritratt / grafika, il-permess għandu jintalab direttament mid-detentur tad-drittijiet tal-awtur: © Shutterstock
EESC-2025-49-MT // Print: QE-01-25-029-MT-C • ISBN 978-92-830-6859-4 • doi 10.2864/8106265 // PDF: QE-01-25-029-MT-N • ISBN 978-92-830-6858-7 • doi 10.2864/0975589